# Nitgħallem nuża l-immaġinazzjoni

**Tfal il-paragrafu li ġej jgħinek ittejjeb il-kitba tiegħek. L-għalliema tat stampa lit-tfal u qaltilhom jiktbu ftit sentenzi ħalli jitgħallmu jużaw l-immaġinazzjoni. Waħda tifla kitbet dan li ġej.**



L.I. Nitgħallem nuża l-immaginazzjoni

Din it-tifla jisimha Berta u għandha kelb jismu Ben. Berta qed tieħu b'id Ben għax tela ma' sigra bla ma waqa. Ben qed jgħid lil Berta: grazzi Berta. Tridni nerga nitla mas-sigra u ngħidlek x'qed nara?

Tania x'taħseb li wieġbet Berta?

Le Ben mhux illum għax il-mama qed issejħilna biex immorru nieklu.

**X' jidhrilkom tfal minn dan il-paragrafu?**

**Tafu xi tfisser L.I. li tinsab qabel it-titlu? Tfisser Learning Intention. Dan ifisser x'qed jitgħallmu t-tfal. F'dan il-każ qed jitgħallmu jużaw l-immaġinazzjoni.**

**Jogħġbok dak li kitbet Tania? Użat l-immaġinazzjoni jew le? Erġa' aqra s-sentenzi u għid lill-ħabiba kif Tania użat l-immaġinazzjoni.**

**Lil Tania l-għalliema kitbitilha dan il-kumment: Tania, x'taħseb li wieġbet Berta?**

**Tania kitbet: Le Ben, mhux illum għax il-mamà qed issejħilna biex immorru nieklu.**

**Naħseb li Tania tassew qed tuża l-immaġinazzjoni.**

**Biċċa xogħol żgħira għalik:**

**Kieku int kont flok Tania x'kont twieġbu lill-kelb tiegħek li kien jismu Ben? Tinsiex, trid tuża l-immaġinazzjoni.**